MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 912/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 1254/12, fl-ismijiet:**

**Maria Carmela Xuereb (detentrici ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 162260 (M))**

**vs**

**Chantel Xuereb Mulvaney (detentrici ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 460378 (M))**
**U**
**David Xuereb (detentur ta' l-karta ta' l-identita` bin-numru 42873 (M))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Chantal Xuereb Mulvaney datat l-10 ta' Settembru, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi giet infurmata mis-superjuri taghha fejn hi impjegata, illi kienu gew notifikati bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq riferit li ghalhekk jolqot is-salarju minnha percepit fit-terminu tal-artikolu 382 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi r-rikorrenti prezentement ghaddejja minn procedura ta' separazzjoni;

3. Illi bis-salarju minnha percepit mill-impjieg taghha hi taghmel tajjeb ghall-manteniment taghha, tat-tlett (3) uliedha, u dan, tenut kont li ghal dawn l-ahhar xhur zewgha m'hu jghaddilha l-ebda forma ta' manteniment;

4. Illi *di piu`*, il-mandat fuq riferit hareg kapriccozament u vessatorjament;

5. Illi l-mandat in dizamina nhareg ftit wara li mandat precedenti kien gie mhassar skont il-ligi;

6. Illi ghalhekk il-mandat in dizamina hu biss intiz bhala forma ta' vessazzjoni u hu finanzjarjament dispendjuz bla bzonn;

7. Illi r-rikorrenti ma ssellfet l-ebda flus minghand is-sekwestranda u ghalhekk ma tistax tifhem it-talbiet indirizzati lejha;

8. Illi f'kull kaz, il-pretensjoni tas-sekwestranda hi wkoll preskritta *a tenur* tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili;

9. Ghaldaqstant ir-rikorrenti sekwestrata titlob biex din il-qorti:

i. Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1254/12 fuq indikat;

ii. Salv kull direttiva ohra kompriza dik kontemplata taht l-artikolu 836 (8) u 838A tal-Kap 12;

Rat ir-risposta tal-intimata Maria Carmela Xuereb datata l-10 ta’ Dicembru, 2012, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-mandat ta’ sekwestru in dizamina hu wiehed intiz bhala inkejja m’hix minnha;
2. Illi l-intimata Xuereb kienet sellfet xi flus lil huha David u lil martu Chantel biex jarmaw id-dar matrimonjali taghhom, il-karozza u xi affarijiet ohra u qieghda biss tikkawtela d-drittijiet taghha;

3. Illi l-intimata ghandha bzonn tigbor l-ammont misluf;

4. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ghalhekk jigu respinti, bl-ispejjez;

Tirrileva li David Xuereb fuq gia` riferit, baqa’ kontumaci;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza in dizamina hi limitata ghat-talba tar-rikorrenti senjatament, jekk il-mandat ta’ sekwestru in dizamina ghandux ikun effettiv fir-rigward tal-artikolu 382 (1) tal-Kap 12, fejn permezz tieghu jigi sekwestrat l-ammont ta’ salarju li jeccedi dak hemm stabbilit;

Ikkunsidrat:

Illi minn analizi tax-xhieda u dokumentazzjoni prodotta jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti hi mpjegata f’lukanda fejn tircievi salarju medju ta’ bejn wiehed u iehor elf u mitejn Ewro, (€1,200.00) fix-xahar;

2. Illi nonostante li fil-procedura ghas-separazzjoni gie lilha koncess ammont mensili bhala manteniment minn zewgha, ghaliha u ghal uliedha, jirrizulta li dan ilu ma jeffettwa dawn il-versamenti mensili sa mill-anqas minn Lulju, 2012, nonostante li ilu minghajr xoghol minn Ottubru tal-istess sena, ghalkemm ma weriex ruhu car u preciz f'dan ir-rigward billi kontradittorjament sostna wkoll li ilu bla xoghol minn Lulju tal-istess sena;

3. Illi jirrizulta wkoll li t-tlett ulied il-koppja in dizamina jghixu mar-rikorrenti u huma tifel t'erbatax –il sena (14), u zewgt ibniet, wahda ta' tmien (8) snin u ohra ta' sitta (6), it-tlieta jattendu skejjel tal-knisja;

4. Illi l-hlasijiet tal-edukazzjoni, manteniment, medicina, ikel, dawl, ilma u attivitajiet ohra rikreattivi u m'humiex, jirrizultaw li huma kollha a karigu uniku tar-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura *de quo* hi ghalhekk intiza biex tesplora r-realta` ezistenzjali tar-rikorrenti biex jigi deciz jekk hux sewwa u gust li l-effett tas-sekwestru jkun dak limitattiv kif statutorjament impost sal-limitu hemm koncess;

Ikkunsidrat:

Illi s-sekwestru kawtelatorju promotur qed jigi inoltrat sintetikament ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi s-sekwestranta Maria Carmela Xuereb ghalkemm naqset li tidher biex tesponi l-pozizzjoni taghha personalment, tirrizulta li tbati minn diversi problemi fizici, ghalkemm hi regolament impjegata u indipendenti;

2. Illi jirrizulta li wara li ghamlet operazzjoni partikolari giet infurmata li jkollha l-bzonn taghmel operazzjoni ohra, li pero`, m'hemm l-ebda ghagla ghaliha ghaliex isservi biss ghal perjodu ta' ghaxar snin;

3. Illi ghalhekk issostni li trid tkun f'pozizzjoni finanzjarja tali li tkun tista' liberament taghmel din l-operazzjoni minghajr problemi, anke privatament u allura mhux necessarjament fl-isptar pubbliku;

Ikkunsidrat:

Illi rrizulta pero` wkoll li l-kura kollha li ghaddiet minnha s-sekwestranta dejjem ircevietha mis-sistema pubblika – u ilha hekk tirceviha mit-twelid;

Illi ma tezisti l-ebda urgenza fir-rigward;

Illi *di piu`*, l-ammont mensili nvolut fil-procedura koncernanti s-sekwestru kawtelatorju in ezami tirrizulta effettivament irrizorja u ma jkollha l-ebda effett fir-rigward stante li tirrizulta biss "sekwestrata" u mhux effettivament m'ghoddija lilha – haga li trid tigi regolarment epurata gudizzjarjament, stante li kontestata bil-qawwi mir-rikorrenti odjerna fi procedura ohra;

Ikkunsidrat:

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti tirrespingi r-risposta tal-intimata Maria Carmela Xuereb, takkolji t-talba tar-rikorrenti Chantel Xuereb Mulvaney u konsegwentement, wara li rat l-artikolu 382 tal-Kap 12;

1. Tordna li l-mandat ta' sekwestru fuq indikat bin-numru 1254/12 m'ghandux japplika ghas-salarju mensili kollu percepit mir-rikorrenti Chantel Xuereb Mulvaney stante li l-parti li teccedi l-ammont imsemmi fl-artikolu *de quo* hu bzonnjuz ghall-hajja u ghall-manteniment tal-istess rikorrenti u tat-tlett (3) uliedha;

2. Bl-ispejjez kontra l-intimati fuq indikati.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------